Il-Bord ta' L-Appelli Dwar It-Turizmu

Anthony M Vella fir-rigward ta' "Traveller's Lodge Hotel"

vs

L-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta

(Kaz numru 59 ta' l-2011)

19 ta' Jannar 2012

Il-Bord

Ra l-appell ta' l-appellant tat-18 ta' Lulju 2011 rigward id-decizjoni ta' l-Awtorita Tat-Turizmu ta' Malta ('L-Awtorita') ta' l-14 ta' Gunju 2011 li permezz taghha l-Awtorita irtirat il-licenzja (H/0304) fir-rigward tat-Traveller's Lodge Hotel u ordnat lil Anthony Vella sabiex jieqaf jopera l-attivita turistika mit- *Traveller's Lodge Hotel* peress illi huwa naqas milli josserva l-kundizzjonijiet tal-licenzja ta' *Traveller's Lodge Hotel* meta naqas li jhares l-istandards ta' lukanda kif stipulati fit-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 82 ta' 2002, wara li naqas li jindirizza ammont ta' deficjenzi li nsabu fir-rigward ta' l-imsemmi stabbiliment wara li saret spezzjoni fl-istess fl-4 ta' Mejju 2011 u peress illi naqas li jhallas diversi arretrati ta' mizati dovuti lill-Awtorita;

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet inkluzi r-rapport ta' l-Awtorita ta' 4 ta' Mejju 2011 u ta' l-1 ta' Gunju 2011 kif ukoll tat-13 ta' Settembru 2011, kopja tal-licenzja H/0304 fir-rigward ta' *Traveller's Lodge Hotel* u zewg ircevuti tal-hlas fir-rigward tal-licenzja hawn fuq imsemmija validi sal-31 ta' Dicembru 2007 u sal-31 ta' Dicembru 2010 rispettivament, kif ukoll zewg affidavits li jgiebu d-data 25 ta' Gunju 2008 u 10 ta' Awwissu 2010 rispettivament tas-Sur Vella fejn huwa halef li ma kienx qed jopera l-lukanda ghall-perjodu mit-30 ta' Novembru 2005 sal-25 ta' Gunju 2008 u ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Dicembru 2009;

Sema' lix-xhieda kollha imressqa mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra;

L-Awtorita ssostni illi jekk ma kienitx qed topera l-lukanda fi zmien li saret l-ispezzjoni, l-Awtorita suppost kienet giet infurmata b'dan ai termini ta' l-artikolu 6(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002. L-Awtorita fil-fatt ma kienitx hekk infurmata. Id-deficjenzi li kienu jeziztu fi zmien ta' l-ispezzjoni kienu fil-fatt serji bizzejjed sabiex tigi rtirata l-licenzja.

L-ittra ta' l-Awtorita ta' l-14 ta' Gunju 2011 tghid li l-appellant qed jopera l-lukanda in vjolazzjoni ta' l-avviz legali 82 ta' l-2002 abbazi tad-deficjenzi elenkati fir-rapport ta' l-istess Awtorita ta' l-4 ta' Mejju 2011. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Awtorita hadet id-decizjoni sabiex tirtira l-licenzja li harget f'isem l-appellant, b'konsegwenza ta' liema kellu jieqaf fi zmien 48 siegha milli jkompli jopera l-istabbiliment. Dan jidher li sar abbazi ta' l-artikolu 14 tal-Kapitolu 409 u mhix bhal avviz ta' infurzar abbazi ta' l-artikolu 41. L-appellant ma spjegax ghalfejn kwalunkwe nuqqas ta' riferenza ghandha iggib in-nullita. Il-Bord huwa tal-fehma illi wara kollox avviz ta' infurzar ukoll huwa decizjoni ta' l-Awtorita u fil-fatt il-mod ta' l-appell mit-tnejn huwa identiku. Hija l-konseqwenza li hija differenti izda l-konsegwenza tirrizulta mid-decizjoni stess irrispettivament ikunx hemm indikat fl-ittra hijiex avviz ta' infurzar jew le. L-anqas ma jidher illi l-ligi titlob illi jrid jigi specfifkat jekk decizjoni ta' l-Awtorita hijiex semplicement decizjoni jew avviz ta' infurzar u ghaldaqstant nuqqas ta' indikazzjoni m'ghandux jinvalida tali decizjoni.

Id-decizjoni ta' l-Awtorita ukoll tindika bic-car ir-ragunijiet ghalfejn inharget id-decizjoni. Jidher illi l-appellant kien qed imexxi lukanda in vjolazzjoni ta' l-avviz legali 82 ta' l-2002 u dan peress li naqas li jirranga numru ta' deficjenzi li kienu ngaghbu ghall-attenzjoni ta' l-appellant permezz ta' rapport f' Mejju 2011, liema deficjenzi kienu bi ksur ta' l-imsemmi avviz legali.

Il-licenza mahruga mill-Awtorita kienet mahruga fl-isem l-appellant personalment fir-rigward tal-lukanda Traveller's Lodge Hotel. Ghaldaqstant id-decizjoni mahruga mill-Awtorita nharget f'isem l-appellant li ghandu l-licenza f'ismu. Dan il-Bord ghaldaqstant huwa tal-fehma li d-decizjoni harget fl-isem approprijat u ma jistax jaqbel mat-tezi ta' l-appellant li missha nharget f'isem is-socjeta li taghha hija l-propjeta. Decizjoni ta' l-Awtorita dwar licenzja ma tistax tinhareg lill-persuna li ma jkollha ebda konnessjoni ma dik il-licenzja izda ghandha tinhareg lil dik il-persuna li f'isimha nharget il-licenzja.

L-appellant ukoll jghid illi l-lukanda fi zmien li saret l-ispezzjoni ma kienitx miftuha ghall-pubbliku. Jidher li l-ligi titlob illi f'tali cirkustanzi l-Awtorita ghandha tigi infurmata. L-Awtorita fil-fatt ma kienitx infurmata. L-appellant ukoll jaf bil-procedura ghaliex kemm il-draba fil-passat infurma lill-Awtorita meta kien ser ikun maghluq ghall-pubbliku.

L-appellant jikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorita ta' l-14 ta' Gunju 2011 u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

i. Li l-ittra ta' l-Awtorita ta l-14 ta' Gunju 2011 ma taghmilx referenza ghall-fatt li hija avviz ta' infurzar u ghaldaqstant wiehed ma jistax ikun jaf din hijiex avviz ta' infurzar jew semplicement decizjoni ta' l-Awtorita';
ii. Illi d-decizjoni ta' l-Awtorita ta' l-14 ta' Gunju 2011 ma tispecifikax il-ksur li abbazi tieghu nharget l-ittra;
iii. Illi d-decizjoni ta' l-Awtorita ukoll ma tispecifikax fuq liema bazi qed tigi rtirata l-licenzja;
iv. Il-lukanda ma kienitx qed tiffunzjona fi zmien li nharget id-decizjoni ta' l-Awtorita;
v. Il-lukanda mhijiex ta' Mario Vella izda ta' kumpannija u ghaldaqstant id-decizjoni missha nharget f'isem l-imsemmija kumpannija;
vi. Illi fil-mertu d-decizjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Mix-xhieda moghtija mis-Sur Nikolai Zammit fid-29 ta' Settembru 2011, irrizulta li wara d-decizjoni ta' l-14 ta' Gunju 2011, l-Awtorita regghet ghamlet spezzjoni fil-lukanda. Huwa kkonferma li spezzjona 13 il-kamra u kkonferma li d-deficjenzi li sab fil-lukanda kienu dawk irrapportati minnu fir-rapport tieghu tat-13 ta' Settembru 2011. Huwa kkonferma illi fil-kmamar li zar, is-sistema tat-telefon ma kienitx konnessa, illi l-*emergency exit plans* u *signage* iehor kien nieqes. Qal illi kien hemm xi mtierah li kellhom jigu mibdula, izda li ukoll ra imtierah godda fil-kurituri tal-lukanda. Kien hemm xi madum li kien miksur u li c-certifikati tal-*health and safety* kienu ghadhom neqsin. Huwa qal li dawn id-deficjenzi kienu minimi u li fil-fatt kien hemm miljorament fil-lukanda wara l-ispezzjoni li kienet saret f'Gunju. Huwa qal illi l-lukanda kienet licenzjata sabiex topera 36 kamra mill-45 kamra li hemm fil-lukanda; illi huwa dahal fil-kmamar tal-hames sular billi fetah il-bieb permezz ta' cavetta. Qal li filwaqt li kien hemm xi nies fil-lukanda ma rax nies fil-kmamar tal-hames sular. Qal li l-*Caffe Latte* kien miftuh, u li fil-fatt hargulu *breach of enforcement notice*. Huwa qal li kien ra rapport ta' kollega tieghu dwar jekk il-lukanda kienitx miftuha ghall-perjodu ta' sentejn qabel;

Is-Sur Mario Vella fix-xhieda tieghu, ukoll moghtija fid-29 ta' Settembru 2011, qal li d-deficjenzi tal-kmamar tal-hames sular ma kienx ghamilhom peress li dak is-sular kien maghluq, izda kompla jghid li issa ukoll dawn id-deficjenzi gew rimedjati. Qal li d-deficjenzi elenkati fir-rapport tat-13 ta' Settembru 2011 kienu issa saru wkoll. Huwa qal illi z-zewg *catering establishments* tal-lukanda kienu maghluqin.

Ikkunsidra ulterjorment:

Id-decizjoni ta' l-Awtorita ta' l-14 ta' Gunju 2011 tallega ksur ta' l-*istandards* ta' lukanda kif stipulati fit-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 82 ta' l-2002, u liema ksur irrizulta mir-rapport ta' l-4 ta' Mejju 2011;

Skont l-artikolu 4(2) ta' l-Avviz Legali 82 ta' l-2002, persuni licenzjati mill-Awtorita biex ihaddmu stabbilimenti turistici ghandhom jizguraw li l-propjeta taghhom tikkonforma mat-tieni Skeda fir-rigward ta' lukandi;

Skond l-artikolu 10 (1) ta' l-istess avviz legali 'Il-konformita ma' dawn ir-regolamenti ghandha titqies li hija kondizzjoni tal-licenzja ta' kull stabbiliment ta' akkomodazzjoni, irrispettivament jekk hemmx referenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenzja stess'.

Skond l-artikolu 14(1) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta, 'Il-bord ikun kompetenti li jisma u jiddeciedi appelli maghmula minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorita li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tirrevoka, jew tissospendi licenzja; jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, jew eskluzjonijiet f'licenza; … Izda l-kompetenza tal-Bord tkun limitata li tizgura li l-politika tal-Gvern u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi ligi ohra applikabbli jkunu gew implimentati jew applikati sew u li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorita tkun giet uzata b'mod ragonevoli'.

L-appellant jghid li l-isem ta' Traveller's Lodge huwa biss *trade name* u ghaldaqstant ma setghetx harget decizjoni fuq dak l-isem. Jghid ukoll illi l-lukanda ma kienitx qed topera fi zmien li saret l-ispezzjoni u li f'dak il-perjodu kienu ghadhom qed isiru xi miljoramenti. Qal illi kien jidher car li l-klijent tieghu kien qed jigi persegwitat ukoll minhabba l-fatt illi f'dawn il-proceduri kienu ssemmew affarijiet u nuqassijiet li ma kienux jiffurmaw parti minn dawn l-istess proceduri. Id-deficjenzi kienu jikkoncernaw biss tlitt ikmamar minn 63 kamra, u kienu jikkoncernaw affarijiet zghar. Qal ukoll illi il-hames sular ma kienx qed tintuza u ghaldaqstant nuqqasijiet li nstabu hemm ma setghewx jigu wzati kontra tieghu. Il-kumplament tad-deficjenzi ma kienux serji bizzejjed sabiex jimmeritaw revoka ta' licenzja. Intqal ukoll illi l-Awtorita ma kienitx accettat il-mizati ghas-sena 2011, filwaqt illi ghal snin ohrajn dawn ma kienux dovuta peress li l-appellant ma kienx qed jopera l-lukanda u l-Awtorita kienet giet infurmata b'dan. Qal ukoll illi l-Awtorita naqqset li taghti r-ragunijiet ghalfejn kienet qed tirtira l-licenzja tal-lukanda;

L-Awtorita da parti taghha tghid illi d-decizjoni ta' l-Awtorita mhijiex avviz ta' infurzar izda revoka ta' licenzja. Il-licenzja harget f'isem Mario Vella u ghaldaqstant ir-revoka taghha setghet biss tigi indirizzata lil Mario Vella fir-rigward tat-Traveller's Lodge kif fil-fatt inharget ukoll il-licenzja.

Id-decizjoni ta' l-Awtorita tghid ukoll illi l-appellant kien naqas li jhallas ghall-licenzja ghall perjodu 2008 sa 2009. Dan ma jidhirx li hu minnu. Ghaliex jidher illi l-licenzja fil-fatt thallset ghas-snin 2007 u 2010 filwaqt li ma thallsitx ghas-snin l-ohra peress illi jidher illi mit-2006 sa l-2009 l-appellant ma kienx qed jopera il-lukanda u informa lill-Awtorita b'dan.

Il-Bord ha konjizzjoni tad-deficjenzi migjuba mill-Awtorita fir-rapport taghha ta' Mejju 2011. Jidher li dawn id-deficjenzi verament ezistew ghaliex is-sur Vella baqa dejjem jitlob li jsiru spezzjonijiet ulterjuri sabiex juri li maz-zmien dawn trangaw. Fil-fatt ukoll waqt il-mori ta' dawn il-proceduri intalbet li ssir spezzjoni ohra li minnha fil-fatt irrizulta li hafna minn dawn id-deficjenzi kienu fil-fatt indirizzati u kien ghad fadal biss xi affarijiet zghir pendenti. Minn dan izda jirrizulta, kif ukoll mix-xhieda migjuba mill-Awtorita u r-rapport ta' Mejju 2011 ta' l-Awtorita, illi fil-mument li l-Awtorita hadet id-decizjoni taghha, l-appellant fil-fatt kien verament qed jopera bi ksur ta' l-Avviz Legali 82 ta' l-2002 partikolarment l-artikolu 10(1).

Filwaqt li dan il-Bord ghandu r-riservi tieghu jekk dawn id-deficjenzi kienux serji bizzejjed sabiex iwasslu ghar-revoka tal-licenzja, il-Bord ihoss li r-revoka fil-fatt kienet gustifikata tenut kont illi ghall-xahar shih l-appellant injora l-perjodu li inghata lilu sabiex jirrimedja d-deficjenzi, ghaliex f'dak ix-xahar in effett ma gie rimedjat kwazi xejn. Dan jirrizulta car minn analisi tar-rapport ta' l-Awtorita ta' l-4 ta' Mejju 2011 meta komparat mal-*follow up inspection report* li sar mill-Awtorita f' Gunju 2011.

L-Artikolu 14(1) ta' l-Att 409 tal-Ligijiet ta' Malta jillimita l-kompetenza tal-Bord sabiex jizgura li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorita tigi ezercitata b'mod ragonevoli. Il-Bord ihoss illi fic-cirkostanzi tali diskrezzjoni giet ezercitata ragonevolment peress illi l-appellant injora kompletament ir-rapport ta' l-Awtorita sabiex jimxi mal-ligi u jmexxi l-lukanda tieghu skond ir-regolamenti applikabbli u injora ic-cans li nghata lilu sabiex jimxi mal-ligi.

Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma d-decizjoni ta' l-Awtorita ta' l-14 ta' Gunju 2011 mahruga mill-Awtorita fil-konfront ta' l-appellant bl-ispejjez kollha ghall-appellant.

Il-Bord japprezza li llum il-gurnata hafna mid-deficjenzi li gew irrapportati fir-rapport ta' l-4 ta' Mejju 2011 trangaw, ghalkemm jifhem ukoll illi ghad hemm xi deficjenzi pendenti. Jifhem ukoll illi llum il-gurnata, dawn id-deficjenzi mhumiex deficjenzi serji, u jistghu jittrangaw f'qasir zmien. Dan il-Bord ghaldaqstant jirrakkommanda lill-Awtorita sabiex tiehu dan

in konsiderazzjoni, jekk jidrilha li ghandu jkun il-kaz, fl-infurzar tad-decizjoni taghha ta' l-14 ta' Gunju 2011.

(1) kliem miżjud in kwantu jirrigwarda l-ksur tar-regolamenti ta' l-Avviż Legali 82 ta' l-2002 u l-artikolu 10 (1) ta' l-istess avviż legali

(2) *kliem miżjud" f'dan ir-rigward.

(3) Il-Bord jilqa' ~~l-appellant~~ t-talba ta' l-appellant in kwantu jirrigwarda l-multi għas-snin 2008 u 2009 u jikkonferma li dawn mhumiex dovuta

Av. Lorraine Conti

Chairperson

Perit Elizabeth Ellul

Membru

Is-Sinjur Raymond Farrugia

Membru

Is-Sinjur Julian Zarb

Segretarju